31998D0701

9.12.1998 | *IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ* | L 333/8

# ID-DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL
## tat-3 ta' Diċembru 1998 dwar standards komuni dwar kif għandu jimtela l-format uniformi għall-permessi ta' residenzi

(98/701/JHA)

IL-KUNSILL TA' L-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra l-Azzjoni Konġunta 97/11/JHA tas-16 ta' Diċembru 1996 dwar format uniformi għall-permessi ta'residenzi ([1]), u b'mod partikolari l-Artikolu 2(1) ta' l-istess.

Billi huwa neċessarju biex jistabbilixxi standards komuni dwar kif għandu jimtela dan il-format, sabiex jassiguraw l-aspett uniformi ta' l-istess;

Billi din d-Deċiżjoni ma taffettwax il-kompetenza ta' l-Istati Membri dwar ir-rikonoxximent ta' Stati u entitajiet territorjali, kif ukoll passaporti u dokumenti ta' l-ivjaġġar maħruġa minn dawn l-Istati Membri jew entitajiet; billi l-attribuzzjoni tal-kodiċi fl-Appendiċi għal din id-Deċiżjoni hija ta' natura purament amministrattiva u mingħajr preġudizzju għad-determinazzjoni tan-nazzjonalità tar-residenti ta' pajjiż terz,

IDDEĊIEDA DAN LI ĠEJ:

*Artikolu 1*

Il-format uniformi ta' permessi ta' residenti għandu jkunu mimli skond il-proċeduri li hemm fl-Anness ta' hawn.

*Artikolu 2*

Il-Kunsill għandu jeżamina, ta' l-inqas darba fis-sena, il-proċeduri u kodiċi li hemm fl-Anness u l-Appendiċi ta' hawn bl-iskop li jaddattahom.

*Artikolu 3*

Din id-Deċiżjoni għanda tidħol fis-seħħ fil-ġurnata wara l-pubblikazzjoni tagħha fil-*Ġurnal Uffiċjali tal-Komunitajiet Ewropej*.

Magħmula fi Brussel, fit-3 ta' Diċembru 1998.

*Għall-Kunsill*

*Il-President*

K. SCHLÖGL

---

([1]) GU L 7, ta' l-10.1.1997, p. 1.

*L-ANNESS*

## I. PROĊEDURI GĦAT-TKOMPLIJA TAŻ-ŻONA TA' REFERENZA KOMUNI TA' L-ISTIKER FIL-FORMAT UNIFOMI TAL-PERMESS TA' RESIDENTI.

Il-format addottat għall-istiker huwa fil-format ID2 (jikkonforma mad-dimensjonijiet għat-tip ta' karta (ISO7810)).

Hemm tmien spazji biex jimtlew skond l-ispeċifikazzjonijiet tekniċi, fejn xieraq, kif ġej:

### 1. Nru tal-Permess

In-numru tad-dokument għandu jidħer f'dan l-ispazju (protett b'karatteristiċi ta' sigurtà speċjali u ppreċedut b'kodiċi ta' ittra), skond l-ewwel parti paragrafu 3.7 (ittra(i) tal-bidu kif dettaljati fil-paragrafu 3.2) ta' l-ispeċifikazzjonijiet tekniċi.

### 2. Isem

Il-kunjom(ijiet) u l-ewwel isem(ijiet) għandhom ikunu mdaħħla skond l-ordni li ġej. Il-kunjom(ijiet) u l-ewwel isem(ijiet) fid-dokument li miegħu l-istiker huwa mehmuż għandhom ikunu eżattament l-istess bħal dak ta' fuq l-istiker.

### 3. L-ispazju "Validu sa"

Id-data rilevanti ta' l-għeluq għandha tkun imdaħħla f'dan l-ispazju, jew, jekk neċessarju, kelma jew kodiċi li tindika validità mhux limitata.

L-Istati Membri għandhom jagħtu lis-Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill il-kliem u kodiċi diversi msemmija fis-subparagrafu ta' qabel, sabiex is-Segretarjat ikun jista' jagħmel lista biex iqassamaha lill-Istati Membri kollha. Tali lista tista' tkun użata bħala mezz addizzjonali biex jiskopru falsifikazzjonijiet.

Meta data ta' l-għeluq tiddaħħal, id-data għandha tkun mdaħħla b'permezz ta' tliet gruppi ta' żewġ figuri fl-ordni li ġej, tnejn għall-ġurnata, tnejn għax-xahar u tnejn għas-sena, ikunu separati b'ħajfin, u l-ewwel figura għandha tkun zero fejn in-numru jkun inqas minn 10 (eż. 15-01-96: 15 ta' Jannar 1996).

### 4. Post/data ta' ħruġ

Dan l-ispazju għandu jindika l-post u data ta' ħruġ tal-permess tar-residenza.

Id-data ta' ħruġ għandha tiddaħħal b'permezzi ta tliet gruppi ta' żewġ figuri fl-ordni mniżżla fit-tielet subparagrafu ta' punt 3.

### 5. Tip ta' permess

Dan l-ispazju għandu juri t-tip speċifiku tal-permess ta' residenza maħruġ mill-Istati Membri għall-persuna ta' pajjiz terz.

Dan l-ispazju għandu jkun armonizzat minħabba n-nuqqas ta' qbil bejn il-liġijiet ta' l-Istati Membri. Madankollu, l-Istati Membri għandhom jagħtu lis-Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill ir-referenzi varji li jinkludu f'dan l-ispazju biex is-Segretarjat ikun jista' jagħmel lista biex titqassam lill-Istati Membri kollha. Tali lista tista' tkun użata bħala mezz ieħor sabiex jiskopru falsifikazzjonijiet.

### 6. Rimarki

L-Istati Membri jistgħu jdaħħlu f'dan l-ispazju informazzjoni u rimarki għal użu nazzjonali li huma meħtieġa mid-disposizzjoniiet nazzjonali dwar persuni ta' nazzjonalità ta' pajjiżi terzi, li jinkludi informazzjoni dwar awtorizzazzjoni biex jaħdmu u n-numru tal-passaport.

Madankollu, l-Istati Membri għandhom jagħtu lis-Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill ir-referenzi varji li jinkludu f'dan l-ispazju biex is-Segretarjat ikun jista' jagħmel lista biex titqassam lill-Istati Membri kollha. Tali lista tista' tkun użata bħala mezz ieħor sabiex jiskopru falsifikazzjonijiet.

7. **Data/firma/awtorizzazzjoni**

Fejn neċessarju, l-awtorità li qiegħda tagħti l-permezz tista' tagħmel il-firma tagħha u t-timbru tagħha u/jew titlob lit-titular biex jagħmel il-firma tiegħu.

Jekk dan l-ispazju jintuża, id-data għandha tkun imdaħħla b'permezz ta' tliet gruppi ta' żewġ figuri fl-ordni mniżżel fit-tielet subparagrafu ta' punt 3.

Fejn il-leġislazzjoni jew prattiċi ta' Stat Membru jeħtieġu t-twaħħil ta' timbru ta' l-uffiċju ta' ħruġ, it-timbru għandu jkun lokat fir-rettangolu mdawwar mil-lemin bit-tarf tal-lemin ta' l-istiker, fuq ix-xellug bil-kaxxa "Rimarki", fuq ikollu l-emblema ta' l-Istati Membri u taħt biż-żona li tinqara mill-magni.

Huwa wkoll mixtieq li t-timbru jikkonsisti f'rettangolu 1 cm għoli × 2,5 cm wiesa' juri l-isem ta' l-awtorità li toħroġ il-permess ta' residenzi u l-firma u/jew d-data. Il-firma u/jew d-data għandha tkunu magħluqa minn kull naħa bi tliet linji paralleli orizzontali, tan-nofsi tkun twila n-nofs tat-tnejn l-oħra.

8. **Żona li tinqara bil-magna**

Iż-żona rriservata għal qari bil-magna (li jinkludu kodiċi li jindikaw nazzjonalità jew stat ieħor) għandhom ikunu mimlijin skond l-istandards ta' l-Organizzazzjoni ta' Avjazzjoni Ċivili Internazzjonali (ICAO), kif maħruġa fl-ispeċifikazzjoni tekniċi. Fit-tieni linja, jew in-numru tal-permess jew in-numru tal-passaport għandhom jiniżżlu. It-tliet kodiċi relatati man-nazzjonalità jew stat tat-titular tal-permess għandhom jiddaħħlu skond il-lista fl-Appendiċi.

L-Istati Membri għandhom javżaw lis-Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill jekk humiex beħsiebhom iniżżlu il-permess jew in-numru tal-passaport. Is-Segretarjat għandu jiċċirkola din l-informazzjoni lill-Istati Membri.

II. **IL-PROĊEDURI GĦALL-KOMPLETAZZJONI TAŻ-ŻONA TA' REFERENZA KOMUNI TAD-DOKUMENT GĦALIH-WAĦDU FIL-FORMAT UNIFORMI TAL-PERMESS TA' RESIDENZA.**

Il-format addottat għad-dokument għalih-waħdu huwa jew il-format ID1 jew ID2 skond l-istandard ISO 7810.1995. Fiż-żewġ formati hemm 12-il kaxxa li jridu jimtlew bl-ispeċifikazzjonijiet tekniċi fejn xieraq.

A. QUDDIEM

1. **Nru tal-Permess**

In-numru tad-dokument għandu jidher f'dan l-ispazju ppreċedut b'kodiċi ta' ittra, skond Parti 2 ta' paragrafu 3.2 (ittra(i) inizzjali kif spjegati f'Parti I, paragrafu 3.2) ta' l-ispeċifikazzjonijiet tekniċi.

2. **Isem**

Il-kunjom(ijiet) u l-ewwel isem(ijiet) għandhom jiddaħħlu skond l-ordni li ġej.

3. **Spazju "Validu sa"**

Id-data ta' l-għeluq korrispondenti għandha tiddaħħal f'dan l-ispazju, jew, jekk neċessarju, kelma jew kodiċi li tindika validità mhux limitata.

L-Istati Membri għandhom jagħtu lis-Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill il-kliem u kodiċi diversi msemmija fis-subparagrafu ta' qabel, biex b'hekk is-Segretarjat ikun jista' jagħmel lista biex titqassam lill-Istati Membri kollha. Tali lista tista' tkun użata bħala mezz ieħor biex jiskopru falsifikazzjonijiet.

Meta data ta' l-għeluq tiddaħħal, id-data għandha tinkiteb permezz ta' tliet gruppi ta żewġ figuri fl-ordni li ġej, tnejn għall-ġurnata, tnejn għax-xahar u tnejn għas-sena, ikunu separati b'ħajfin, u l-ewwel figura ma għandhiex tkun żero fejn in-numru jkun inqas minn 10 (eż. 15-01-96: 15 ta' Jannar 1996).

4. **Post/data ta' ħruġ**

Dan l-ispazju għandu jindika l-post u d-data ta' ħruġ tal-permess tar-residenza.

Id-data ta' ħruġ għandha tiddaħħal permezz ta' tliet gruppi ta' żewġ figuri fl-ordni mniżżla fit-tielet subparagrafu ta' punt 3.

5. **Tip ta' permess**

Dan l-ispazju għandu juri t-tip speċifiku tal-permess ta' residenti maħruġ mill-Istati Membri għal-persuna ta' nazzjonalità ta' pajjiz terz.

Dan l-ispazju m'għandux jkun armonizzat minħabba n-nuqqas ta' qbil fil-liġijiet ta' l-Istati Membri. Madankollu, l-Istati Membri għandhom jagħtu lis-Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill ir-referenzi varji li jinkludu f'dan l-ispazju biex b'hekk is-Segretarjat ikun jista' jagħmel lista biex titqasssam lill-Istati Membri kollha. Tali lista tista' tkun użata bħala mezz ieħor biex jiskopru falsifikazzjonijiet.

6. **Rimarki**

L-Istati Membri jistgħu jdaħħlu f'dan l-ispazju informazzjoni u rimarki għall-użu nazzjonali li huma meħtieġa mid-disposizzjoniiet nazzjonali dwar persuni ta' nazzjonalità ta' pajjiżi terzi, li jinkludi informazzjoni dwar awtorizzazzjoni biex jaħdmu.

L-Istati Membri għandhom jagħtu lis-Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill ir-referenzi varji permanenti li jinkludu f'dan l-ispazju biex b'hekk is-Segretarjat ikun jista' jagħmel lista biex titqassam lill-Istati Membri kollha. Tali lista tista' tkun użata bħala mezz ieħor sabiex jiskopru falsifikazzjonijiet.

7. **Data/firma/awtorizzazzjoni**

Fejn neċessarju, l-awtorità tal-ħruġ tista' tagħmel il-firma tagħha u t-timbru tagħha u/jew titlob lit-titular biex jagħmel il-firma tiegħu.

Jekk dan l-ispazju jintuża, id-data għandha tiddaħħal permezz ta' tliet gruppi ta' żewġ figuri fl-ordni mniżżel fit-tielet subparagrafu ta' punt 3.

Billi l-leġislazzjoni jew prattiċi ta' Stat Membru jeħtieġu t-twaħħil ta' timbru ta' l-uffiċċju ta' ħruġ, it-timbru għandu jkun fir-rettangolu mdawwar fuq il-lemin bit-tarf tal-lemin tad-dokument għalih-waħdu, fuq ix-xellug bil-kaxxa "Rimarki", fuq bl-emblema ta' l-Istat Membru u taħt bil-qiegħ tal-karta fil-format ID1, jew ħdejn iz-żona li tinqara bil-magna fil-format ID2.

Huwa wkoll mixtieq li t-timbru jikkonsisti f'rettangolu 1cm għoli × 2,5 cm ([1]) wiesgħa juri l-isem ta' l-awtorità li toħroġ il-permess ta' residenza u l-firma u/jew d-data; il-firma w/jew d-data għandha tkunu magħluqa minn kull naħa bi tliet linji paralleli orizzontali, tan-nofs ikun twil in-nofs tat-tnejn l-oħra.

B. WARA

Fejn ikun hemm dokument għalih-waħdu, ir-referenzi addizzjonali għandhom jidhru fuq wara.

8. **Data u post tat-twelid**

Referenza għall-post u d-data tat-twelid tat-titular tal-permess tar-residenza għandha tiddaħħal hawn.

Il-post tat-twelid għandu jkun l-isem tal-belt, jekk magħrufa, kif ukoll il-pajjiz fejn it-titular tal-permess twieled. Referenza tal-pajjiz tat-twelid għandha tingħata minħabba in-nazzjonalità tal-titular tista' tkun differenti mill-pajjiz tat-twelid tiegħu.

Id-data ta' twelid għandha tiddaħħal permezz ta' tliet gruppi ta' żewġ figuri fl-ordni mniżżla fit-tielet subparagrafu ta' punt 3.

9. **Nazzjonalità**

In-Nazzjonalità jew kwalunkwe status ieħor tat-titular tal-permess ta' residenza għandha tiddaħħal hawn.

Ir-Referenza għan-nazzjonalità għandha tkun b'referenza għall-isem tal-pajjiz ta' liema l-istranġier huwa ċittadin, jew għal kwalunkwe status rilevanti, eż. Kolumbja.

10. **Sess**

Is-sess tal-titular tal-permess ta' residenza għandu jkun mdaħħal hawn skond l-istandards ICAO għaz-żona tal-qari bil-magna.

l-Istati Membri għandhom jagħtu lis-Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill ir-referenzi varji li jinkludu f'dan l-ispazju biex b'hekk is-Segretarjat ikun jista' jagħmel lista sabiex titqassam lill-Istati Membri kollha. Tali lista tista' tkun użata bħala mezz ieħor biex jiskopru falsifikazzjonijiet.

---

([1]) Għall-Format ID1, dawn il-qisien għandhom jiġu ridotti bin-nofs.

11. **Rimarki**

L-Istati Membri jistgħu jdaħħlu f'din il-kaxxa informazzjoni u rimarki għall-użu nazzjonali li huma meħtieġa mid-disposizzjoniiet nazzjonali dwar persuni ta' nazzjonalità ta' pajjiżi terzi, per eżempju l-indirizz tal-titular.

l-Istati Membri għandhom jagħtu lis-Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill ir-referenzi varji li jinkludu f'dan l-ispazju biex b'hekk is-Segretarjat ikun jista' jagħmel lista għat-tqassim lill-Istati Membri kollha. Tali lista tista' tkun użata bħala mezz ieħor biex jiskopru falsifikazzjonijiet.

12. **Żona li tinqara bil-magna**

(fuq wara tad-dokument f'format ID1 u fuq quddiem tad-dokument f'format ID2)

Iz-żona rriservata għall-qari bil-magna (li jinkludu kodiċi li jindikaw nazzjonalità jew stat ieħor) għandha tkunu mimlija skond l-istandards ta' l-Organizzazzjoni ta' Avjazzjoni Ċivili Internazzjonali (ICAO), kif maħruġa fl-ispeċifikazzjoni teknika. It-tliet kodiċi relatati man-nazzjonalità jew stat tal-titular tal-permess għandhom jiddaħħlu skond il-lista fl-Appendiċi.

*Appendiċi*

**Lista ta' kodiċi għan-nazzjonalità jew l-istatus tat-titular tal-permess ta' residenza fiż-żona li tinqara bil-magna**

| | Pajjiż | Kodiċi |
|---|---|---|
| EWROPA | | |
| | Albanija | ALB |
| | Andorra | AND |
| | Armenja | ARM |
| | Ażerbajġan | AZE |
| | Belarus | BLR |
| | Bosnia u Ħerzegovina | BIH |
| | Bulgarija | BGR |
| | Kroazja | HRV |
| | Ċipru | CYP |
| | Repubblika Ċeka | CZE |
| | Estonja | EST |
| | Ġeorġia | GEO |
| | Santa Sede (Stat tal-Vatikan) | VAT |
| | Ungerija | HUN |
| | Latvja | LVA |
| | Litwanja | LTU |
| | Malta | MLT |
| | Moldova, Repubblika ta' | MDA |
| | Monaco | MCO |
| | Polonja | POL |
| | Rumanija | ROM |
| | Federazzjoni Russa | RUS |
| | San Marino | SMR |
| | Slovakkja | SVK |
| | Slovenja | SVN |
| | Svizzera | CHE |
| | Dik li Qabel Kienet ir-Repubblika Jugoslava tal-Maċedonja | FRM |
| | Turkija | TUR |
| | Ukrajna | UKR |
| | Jugoslavja, Repubblika Federali tal- | YUG |
| AFRIKA | | |
| | Alġerija | DZA |
| | Angola | AGO |
| | Benin | BEN |
| | Botswana | BWA |
| | Burkina Faso | BFA |
| | Burundi | BDI |
| | Kamerun | CMR |
| | Cape Verde | CPV |
| | Repubblika Afrikana Ċentrali | CAF |
| | Chad | TCD |

| | Pajjiż | Kodiċi |
|---|---|---|
| | Comoros | COM |
| | Kongo | COG |
| | Kongo, ir-Repubblika Demokratika tal- | COD |
| | Cote d'Ivoire | CIV |
| | Djibouti | DJI |
| | Eġittu | EGY |
| | Ginea Ekwatorjali | GNQ |
| | Eritrea | ERI |
| | Etijopja | ETH |
| | Gabon | GAB |
| | Gambja | GMB |
| | Ghana | GHA |
| | Ginea | GIN |
| | Pajjiż | Kodiċi |
| | Ginea-Bissau | GNB |
| | Kenya | KEN |
| | Lesotho | LSO |
| | Liberja | LBR |
| | Ġamaħirija Għarbija Libjana | LBY |
| | Madagaskar | MDG |
| | Malawi | MWI |
| | Mali | MLI |
| | Mauritania | MRT |
| | Mauritius | MUS |
| | Morokk | MAR |
| | Mozambique | MOZ |
| | Namibja | NAM |
| | Niġer | NER |
| | Niġerja | NGA |
| | Rwanda | RWA |
| | Sao Tom and Principe | STP |
| | Senegal | SEN |
| | Seychelles | SYC |
| | Sierra Leone | SLE |
| | Somalja | SOM |
| | Afrika t'Isfel | ZAF |
| | Sudan | SDN |
| | Sważiland | SWZ |
| | Tanzanija, Repubblika Unita ta' | TZA |
| | Togo | TGO |
| | Tuneżija | TUN |
| | Uganda | UGA |
| | Żambja | ZMB |
| | Żimbabwe | ZWE |
| AMERIKA | | |
| | Antigua u Barbuda | ATG |
| | Arġentina | ARG |
| | Baħamas | BHS |
| | Barbados | BRB |
| | Belize | BLZ |
| | Bolivja | BOL |
| | Brażil | BRA |
| | Kanada | CAN |
| | Ċile | CHL |
| | Kolumbja | COL |

| | Pajjiż | Kodiċi |
|---|---|---|
| | Costa Rica | CRI |
| | Kuba | CUB |
| | Dominica | DMA |
| | Repubblika Dominikana | DOM |
| | Ekwador | ECU |
| | El Salvador | SLV |
| | Grenada | GRD |
| | Gwatemala | GTM |
| | Guyana | GUY |
| | Ħaiti | HTI |
| | Ħonduras | HND |
| | Ġamajka | JAM |
| | Messiku | MEX |
| | Nikaragwa | NIC |
| | Panama | PAN |
| | Paragwaj | PRY |
| | Perù | PER |
| | Saint Kitts u Nevis | KNA |
| | Santa Luċija | LCA |
| | Saint Vincent u l-Grenadines | VCT |
| | Suriname | SUR |
| | Trinidad u Tobago | TTO |
| | L-Istati Uniti ta' l-Amerika | USA |
| | Urugwaj | URY |
| | Venezwela | VEN |
| ASJA | | |
| | Afganistan | AFG |
| | Baħrajn | BHR |
| | Bangladesh | BGD |
| | Bhutan | BTN |
| | Brunei Darussalam | BRN |
| | Kambodja | KHM |
| | Ċina | CHN ([1]) |
| | Timor tal-Lvant | TMP |
| | Indja | IND |
| | Indoneżja | IDN |
| | Iran (Repubblika Islamika ta') | IRN |
| | Iraq | IRQ |
| | Iżrael | ISR |
| | Ġappun | JPN |
| | Ġordan | JOR |
| | Kazakhstan | KAZ |
| | Korea, Repubblika Popolari Demokratika ta' | PRK |
| | Korea, Repubblika ta' | KOR |
| | Kuwajt | KWT |
| | Kirgizstan | KGZ |
| | Lao Repubblika Popolari Demokratika | LAO |
| | Lebanon | LBN |
| | Malażja | MYS |
| | Maldives | MDV |
| | Mongolja | MNG |
| | Mjanmar | MMR |
| | Nepal | NPL |
| | Oman | OMN |
| | Pakistan | PAK |
| | Palestina | * |

([1]) Għar-residenti ta' Ħong Kong, jista' jintuża l-kodiċi HKG.

| | Pajjiż | Kodiċi |
|---|---|---|
| | Filippini | PHA |
| | Qatar | QAT |
| | Sawdi Għarabja | SAU |
| | Singapor | SGP |
| | Sri Lanka | LKA |
| | Repubblika Għarbija Sirjana | SYR |
| | Taġikistan | TJK |
| | Tajlandja | THA |
| | Turkmenistan | TKM |
| | Emirati Għarab Magħquda | ARE |
| | Uzbekistan | UZB |
| | Vjetnam | VNM |
| | Jemen | YEM |
| OĊEANJA | | |
| | Awstralja | AUS |
| | Fiġi | FJI |
| | Kiribati | KIR |
| | Gżejjer Marshall | MHL |
| | Micronesja (Stati Federali ta') | FSM |
| | Nauru | NRU |
| | New Zealand | NZL |
| | Palau | PLW |
| | Papwa-Ginea Ġdida | PNG |
| | Samoa | WSM |
| | Gżejjer Solomon | SLB |
| | Tonga | TON |
| | Tuvalu | TUV |
| | Vanuatu | VUT |

**Il-kodiċi li ġejjin huma użati wkoll:**

| | |
|---|---|
| Mingħajr stat | XXA |
| Refuġjati (Konvenzjoni tat-28 ta' Lulju 1951) | XXB |
| Refuġjati oħra | XXC |
| Kumitat Internazzjonali tar-*Red Cross* | CRC |
| UNHCR | UNR |